MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 299/2006

John Bonnici u martu Monica u Carmen Bonnici u Francis Bonnici u martu Marie Josephine Bonnici
vs
Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta, maghrufa wkoll bhala Malta Transport Authority
u
L-Awtorita` Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar maghrufa komunement bhala l-MEPA

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:

**Dikjarazzjoni guramentata**

1. Illi huma residenti fi Triq l-Ghadam Zejtun li hija triq mhux ta' xi wisgha ta' aktar minn 25 pied.

2. Illi fl-istess triq kien hemm *garage*, bin-numru 20 u bl-isem Antonella fl-istess Triq l-Ghadam Zejtun li nbena bla permess, izda wara saret applikazzjoni halli jkun hemm *sanctioning* mill-MEPA, u l-istess MEPA wara li l-ewwel irrifjutat, fuq rikonsiderazzjoni finalment laqghet it-talba li tapprova l-mahfra. IIli l-applikazzjoni u l-avviz twahhlu fuq il-faccata imma damu zmien qasir wisq biex ir-rikorrenti setghu jkunu jafu x'se jkun l-izvilupp, u dan fuq kollox ghaliex il-bini ilu hemm, u ghalhekk ma setghux joggezzjonaw. Illi waqt li l-MEPA tassigura li l-applikazzjoni titwahhal, ma taghmel xejn biex tara li din tibqa' mwahhla, u ghalhekk huwa facli li tehel u titnehha bhal ma gara f'dan il-kaz. Illi l-permess ghall-*garaging* ta' *coaches* huwa kontra kull regolament tal-MEPA, fosthom l-uzu residenzjali tat-triq li nbidel, ir-regoli dwar il-hrug u dhul minn *garages*, l-uzu kummercjali tal-*garage* minn dak suppost residenzjali, l-gholi tal-bini tal-istess *garage*. Ir-rikorrenti saru jafu bil-permess tal-MEPA biss ricentement, u dan ghaliex l-anqas fuq il-website ma jirrizulta li hemm xi permess mahrug fuq Triq il-Ghadam Zejtun, u dan skond il-lokalita` tal-kunsill lokali fejn tinstab it-Triq.

3. Illi l-Awtorita` dwar it-Trasport fi zmien qasir ippermettiet l-uzu tal-*garage* ghall-*coaches* minkejja li t-triq mhix komda bizzejjed, u anke b'periklu ghan-nies li joqghodu fl-istess triq.

4. Illi t-triq hija anqas minn 11-il metru, u *coach* huwa ferm akbar, u b'dan il-mod l-istess *coache* biex idur qed ikollhom jokkupaw parti mill-bankina ta' faccata ta' l-istess *garage*, u cioe` fuq in-naha tar-rikorrenti.

5. Illi jekk dan ma kienx bizzejjed l-Awtorita` tat-Trasport harget ordni u awtorizzazzjoni halli jsiru linji sofor fit-triq man-naha l-ohra ta' l-istess *garage,* u dan bi pregudizzju serju ghar-rikorrenti, ghaliex ghal distanza konsiderevoli fi triq residenzjali gew imcahhda milli jhallu l-karozzi taghhom hdejn djarhom u dan ghal distanza konsiderevoli, manifestament biex jigi akkomodat wiehed bi skapitu ta' hafna. L-esponenti ghamlu protest gudizzjarju fit-22 ta' Marzu, 2006, fejn liz-zewg ta' l-awtoritajiet protestati, intimawhom li agixxew *ultra vires*

fis-sens ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap 12, billi agixxew kontra l-ligi u ghal konsiderazzjonijiet li rna kenux xierqa. Bl-ispejjez. Peress li ma sar xejn, ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

**KAWZALI**

Illi l-atturi huma residenti fi Triq l-Ghadam Zejtun li hija triq mhux ta' xi wisgha ta' aktar minn 25 pied, u illi fl-istess triq kien hemm *garage*, bin-numru 20 u bl-isem Antonella fl-istess Triq l-Ghadam Zejtun li nbena bla permess jew mhux skond il-permess, izda wara saret applikazzjoni halli jkun hemm *sanctioning* mill-MEPA, u l-istess MEPA wara li l-ewwel irrifjutat, fuq rikonsiderazzjoni finalment laqghet it-talba li tapprova l-mahfra.

Illi l-applikazzjoni u l-avviz twahhlu fuq il-faccata imma damu zmien qasir wisq biex l-atturi setghu jkunu jafu x'se jkun l-izvilupp, u dan fuq kollox ghaliex il-bini ilu hemm, u ghalhekk ma setghux joggezzjonaw. Illi waqt li l-MEPA tassigura li l-applikazzjoni titwahhal, ma taghmel xejn biex tara li din tibqa' mwahhla, u ghalhekk huwa facli li tehel u titnehha bhal ma gara f’dan il-kaz.

Illi permess ghall-*garaging* ta' *coaches* huwa kontra kull regolament tal-MEPA, fosthom l-uzu residenzjaili tat-triq li nbidel, ir-regoli dwar il-hrug u dhul minn *garages*, l-uzu kummercjali tal-*garage* minn dak suppost residenzjaii, l-gholi tal-bini ta’ l-istess *garage*.

Illi l-atturi saru jafu bil-permess tal-MEPA biss ricentement, u dan ghaliex l-anqas fuq il-*website* tal-MEPA ma jirrizulta li hemm xi permess mahrug fuq Triq il-Ghadam Zejtun, u dan skond il-lokalita` tal-kunsill lokali fejn tinstab it-Triq.

Illi l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta fi zmien qasir ippermettiet l-uzu tal-*garage* ghall-*coaches* minkejja li t-triq mhix komda bizzejjed, u anke b'periklu ghan-nies li joqghodu fl-istess triq; illi t-triq hija anqas minn 11-il metru, u *coach* huwa ferm akbar, u b'dan il-mod l-istess *coaches*

biex iduru qed ikollhom jokkupaw parti mill-bankina ta' faccata ta’ l-istess *garage*, u cioe` fuq in-naha ta’ l-atturi.

Illi jekk dan ma kienx bizzejjed l-Awtorita' tat-Trasport konvenuta harget ordni u awtorizzazzjoni halli jsiru linji sofor fit-triq man-naha l-ohra ta’ l-istess *garage*, u dan bi pregudizzju serju ghall-atturi, ghaliex ghal distanza konsiderevoli fi triq residenzjaii gew imcahhda milli jhallu l-karozzi taghhom hdejn djarhom, manifestament biex jigi akkomodat wiehed bi skapitu ta’ hafna.

Illi l-atturi ghamlu protest gudizzjarju fit-22 ta' Marzu, 2006, fejn liz-zewg awtoritajiet protestati, intimawhom li agixxew *ultra vires* fis-sens ta’ l-Artiklu 469A tal-Kap 12, billi agixxew kontra l-ligi u ghal konsiderazzjonijiet li ma kenux xierqa.

**Talbiet:**

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti li maghmula d-dikjarazzjonijiet kollha mehtiega u moghtija l-provvedimenti kollha opportuni:

(1) tiddikjara li s-*sanctioning* li sar mill-Awtorita` Maltija dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u s-sussegwenti decizjonijiet ta’ l-Awtorita` Maltija dwar it-Trasport fuq il-*garage* fi Triq il-Ghadam Zejtun bin numru 20, biex l-istess *garage* jintuza ghall-*coaches*, u l-marki li saru fl-istess triq, huma *ultra vires* fis-sens ta’ l-Artiklu 469 A (1)(b)(ii),(iii) u (iv) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, peress li l-operat lamentat sar (a) bi ksur tal-principji tal-gustizzja naturali u tal-proceduri obbligatorji f’dawn l-oqsma (b) b'abbuz tal-poter ghaliex l-iskop ma kienx lecitu u kien hemm konsiderazzjonijiet irrilevanti u (c) kontra l-ligi; u konsegwentement thassar l-istess decizjonijiet billi ghandhom jigu dikjarati nulli u bla effett.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti inkluzi dawk tal-protest tat-22 ta' Marzu, 2006, u li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA TA’ L-AWTORITA` DWAR IT-TRASPORT TA’ MALTA:**

Rat ir-risposta ta’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta (l-Awtorita`) li biha esponiet:

1. Illi preliminarjament gie sottomess illi l-Awtorita` m'ghandhiex l-awtorita` jew is-setgha li tiehu konjizzjoni u tiddeciedi rigward permessi ta' zvilupp.

2. Illi l-Awtorita' tiehu d-decizjonijiet taghha rigward sinjali tat-traffiku skond il-permessi ta' l-izvilupp mahruga mill-Awtorita' Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar.

3. Illi galadarba persuna jkollha proprjeta` koperta b'permess mill-MEPA sabiex tuza' l-istess proprjeta` bhala garaxx, din il-persuna ghandha d-dritt titlob illi jinzebagh *yellow line* mat-triq sabiex hija jkollha access liberu ghal gewwa l-garaxx taghha.

4. Illi l-permess ghal *single yellow line* mahrug mill-Awtorita` inghata a bazi tar-Regolament 77 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur illi jipprovdi illi:
"Ebda persuna ma ghandha tipparkja jew thalli bla ghassa xi vettura bil-mutur f’dak il-mod li ma thallix xi vettura ta’ persuna ohra milli jkollha dhul jew hrug liberu ghal xi post uzat u mmarkat b 'mod car bhala *garage*. "

5. Illi l-Awtorita' tichad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni li l-awtorizzazzjoni sabiex isir '*single yellow line*' ittiehdet "manifestament biex jigi akkomodat wiehed bi skapitu ta' hafna", u tali asserzjoni hija inveritjiera, infondata u bla ebda bazi fattwali.

6. Illi l-Awtorita` aderixxiet mar-regolamenti tat-traffiku msemmija a bazi tal-permess ta' zvilupp moghti mill-MEPA u bl-ebda mod ma agixxiet *ultra vires* fis-sens ta' l-Artikolu 469A (1) (b) (ii), (iii) u (iv) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Salv eccezzjonijiet ohra.

Bl-ispejjez kontra l-atturi.

Rat il-lista tax-xhieda prezentata mill-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta.

**C. RISPOSTA TA' L-AWTORITA` TA` MALTA DWAR L-AMBJENT U L-IPPJANAR :**

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ta` Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li biha esponiet:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li:

1. Preliminarjament, it-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu diretti kontra l-Awtorita` intimata, huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, stante li dina l-Qorti m'ghandiex gurisdizzjoni sabiex tibda tisma' din il-kawza fil-mertu u dan a tenur tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti jridu jippruvaw li l-MEPA ma mxietx skond il-*policies* approvati u ghaldaqstant huma illeciti u nulli;

3 Illi subordinatament u fil-mertu, l-Awtorita` intimata qdiet id-doveri kollha taghha skond kif tiddettalha l-ligi waqt l-ipprocessar ta' l-applikazzjoni ilmentata mir-rikorrenti fir-rikors guramentat, anke fejn jikkoncerna t-twahhil ta' l-avviz dwar l-applikazzjoni ghas-sanzjonar.

Illi ghaldqstant, in vista tal-premess, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjes kontra l-istess rikorrenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentata mill-Awtorita` ta` Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**D. PROVI:**

Gie prezentat l-affidavit ta' John Bonnici li fih issemma li ilu joqghod fi Triq il-Ghadam, Zejtun ghal dawn l-ahhar 33 sena, inkluz qabel ma zzewweg. Il-*garage* li hemm il-kwistjoni fuqu rah jinbena ghax qabel kien ghalqa. Il-*garage* meta nbena kien izomm fih xarabank zghir, minn dawk l-antiki. Lilhom ma kienx jaghtihom wisq fastidju. Maz-zmien beda jdahhal xarabanks kbar, u jmur spiss ghandhom biex icaqalqulu vetturi halli jidhol. Darba gew ghalih il-pulizija u ordnawlu jnnehhi l-karozza ghaliex Abela kellu permess u rmonkawlu l-karozza. Mhux veru li kellu permess u anqas sinjali fl-art. Wara sar jaf li anqas permess tal-bini ma kellu sew. Il-vetturi tieghu kienu jwaddbu hafna duhhan go fihom, meta jirriversjaw jew johrog b'lura. Barra minn hekk peress li t-triq hija dejqa, 25 pied biss minn tarf il-bankina sa tarf il-bankina, ic-xarabanks kienu u ghadhom jidhlu fuq il-bankina biex idawwru u jimmanuvraw u kienu jaslu sa ftit pulzieri 'l boghod mill-bieb taghhom, b'periklu kull meta jaghmlu dawn il-manuvri. Il-vetturi li jidhlu ghandhom tul ta' madwar 33 pied.

Ghadda z-zmien u baghat ghalih f'Novembru ta' l-2005 l-Ispettur Joseph Agius taz-Zejtun u kien qallu li Abela kien hariglu permess mill-MEPA li jista' jzomm il-*garage* ghax-xarabanks. Ghalhekk mar jistaqsi ghaliex ma kienx ra l-ebda avviz imwahhal mal-hajt tal-*garage*. Ghall-habta ta' Jannar 2006, imbaghad gew tal-ADT u huma stess ghamlu linji sofor tul ta' 34 pied, *single line*. U wara sitt ijiem regghu ziedulu 15-il pied ohra. Dawn ma kienux man-naha ta' fejn ghandu l-*garage*, imma fuq in-naha taghhom tat-triq. Il-*yellow line* kien quddiem id-dar 'Antonella' li hija ta' Abela.

Min-naha taghha l-ADT qalet li harget il-permess ghaliex il-MEPA tat il-permess. Dan kollu qed isir f'*residential*

*area*,  u t-triq hija dejqa b'tali mod li ma jippermettix li jkun hemm dhul u hrug ta' xarabanks.  Barra minn hekk minhabba li x-xarabank ikun qed jistartja, naturalment fl-4.30 ta' fil-ghodu,  l-istess xarabank jithalla startjat u b'duhhan u hsejjes konsiderevoli.

Gie prezentat l-affidavit ta' Monica Bonnici, il-mara ta' John Bonnici, u ikkonfermat il-kontenut ta' l-affidavit tar-ragel.  Pero` ziedet li ghandha zewgt itfal ta' 8 snin u ta' 6 snin u thoss li x-xarabank hija ta' periklu ghallihom. Semmiet li spiccaw bil-linji ta' *No Parking* quddiemhom u mhux biss quddiem il-garaxx ta' Abela.  Il-hsejjes u d-duhhan jibda ghal xi 4.30 a.m. jew il-5.00 a.m. u fis-sajf tkun bil-miftuh u ghalhekk ferm aghar.  Semmiet li qat ma rat it-tabella tal-MEPA li titwahhal mal-bini.  Kif saru jafu li kien hareg il-permess, minghand l-Ispettur Joseph Agius taz-Zejtun, marru ghand l-Avukat Brincat halli jaraw x'jista' jsir.

Gie prezentat l-affidavit ta' Carmen Bonnici li toqghod mal-genituri taghha, li huma anzjani, fi Triq l-Ghadam, Zejtun.  Il-post taghhom jigi faccata tal-*garage* ta' Abela li jinsab fl-istess triq u jintuza ghall-*buses* u *coaches*.  Huma joqghodu ma' genb John u Monica Bonnici.  Semmiet il-kaz tat-*towing* tal-karozza.  Ziedet li meta jidhlu u johorgu x-xarabanks  ikun hemm inkonvenjenti kbar ghalihom.

Xehed Carmelo Muscat, *Senior Transport Officer* mal-Awtorita` tat-Trasport.  Xehed li f'Ottubru ta' l-2005 kellhom *request* ghad-*double yellow lines* u wara ikkonsultaw mal-Kunsill Lokali biex jaraw jekk ghandux oggezzjonijiet jew le, u esebixxa l-ittra tal-Kunsill Lokali li fiha ntqal li sakemm dawn is-sinjali huma legali l-ADT tista' taghmilhom.  Semma li bhala *traffic management unit* meta jkollhom talba imorru jaghmlu l-ispezzjonijiet, u jaraw li jkun hemm permess tal-MEPA ghal garaxx.

Xehed Ivor Robinich, rapprezentant legali tal-MEPA li qal li ghamel estratt mill-*policy and designed guidelines* ta' l-2000 ta' l-Awtorita` fejn hemm elenkati l-linji gwida fuq zvillup fuq *internal garage*, *garaging for heavy goods vehicles* u esebihom.  Dawn kienu dawk li kienu

applikabbli meta gie processat il-permess. Esebixxa kopja ta' sett ta' ritratti fejn qed juru *garages* li huma kummercjali fit-triq kif ukoll *garages* li huma gholjin fuq tnax-il filata, u li b'hekk it-triq hija *committed* b'dawn it-tip ta' *garages*.

Hu ma marx fuq is-sit in kwistjoni u esebixxa kopja ta' set ritratti li juru *garages* kummercjali fit-triq *de quo* kif ukoll *garages* li huma gholjin fuq 12-il filata. Jiena, Sur Imhallef qed nibbaza fuq id-decizjoni tal-Bord. Dwar l-aspett tal-*committed area* qal li l-kaz gara fl-2003 meta dak iz-zmien kellu certu importanza izda wara li hargu l-*policy plans* it-teorija tal-*commitment* naqqset mill-importanza taghha drastikament hafna. Fit-triq hemm diversi *garages* li qed jintuzaw b'mod kummercjali. Il-*garages* li qieghedin fuq, mibnijin fuq tnax-il filata li jistorjaw jew jipparkjaw vetturi ta' certu portata, jigifieri vetturi kummercjali. Zied li skond il-*Policy and Design Guidance* ta' l-2007 *garage* normali jrid ikun mhux iktar minn ghaxar filati gholi, cirka 2.75 metri, u mhux iktar wiesgha minn 3.4 *meters*.

Gie prezentat l-affidavit ta' Victor Sladden, *Unit Manager fid-Development Services Unit* fi hdan l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li fih iddikjara li l-fond bl-isem "Antonella", Triq l-Ghadam, Zejtun, il-permess inhareg ghab-bazi ta' garaxxijiet ohra simili fit-triq in kwistjoni (*streetscape*). Din ukoll hija in konformita` ma' *policy* BEN 2 tal Pjan ta' Struttura li tghid:
*"Development will not normally be permitted if, in the opinion of the Planning Authority, it is incompatible with the good urban design, natural heritage, and environmental characteristics of existing or planned adjacent uses, and is unlikely to maintain the good visual integrity of the area in which it is located. There will be a presumption against development which does not generally observe the design guidelines issued by the Planning Authority for built-up areas".*

Kull applikazzjoni li tigi prezentata quddiem l-Awtorita` tigi ippubblikata permezz tal-kuntratturi mqabbdin ghal dan il-ghan. Ukoll, l-Att I ta' l-1992 jimponi l-obbligu ta' l-affissjoni fuq is-sit u mhux illi l-MEPA ghandha tara li dan

l-avviz ghandu jibqa' mwahhal ghall-hmistax-il-gurnata kollha. Id-direttorat jaghti biss rakkomandazzjoni fuq l-applikazzjonijiet filwaqt li l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp tiehu decizjoni wara li tiehu konjizzjoni ta' kull aspett li jolqot l-izvilupp u mhix marbuta mar-rakkomandazzjoni li jaghmel id-Direttorjat.

Xehed <u>Victor Sladden</u> u qal li din hija *urban area*, u mistoqsi jekk tistax f'*urban area* jkun hemm *industrial or semi industrial building* qal li skond dak iz-zmien kien hemm it-*temporary provision schemes*, l-iskema taghti zoni differenti, zoni residenzjali u zoni ghal dak li huwa industrija. Din hija zona strettament resdienzjali. Gewwa *area* residenzjali hemm *parking* ghall-karozzi zghar, *light cars* u kemm ghall-karozzi kbar. Dan iffisser ghalhekk li go zona residenzjali jista' jkollok garaxxijiet ghall-*parking* ta' xarabanks jew trakkijiet. Garaxxijiet ohra ta' dan it-tip fit-triq qal li skond ir-rapport ma kienx hemm. Il-*policy* trid taqraha kollha imma hi ibbazata biex thares ir-*residential area* imma jekk jkun hemm xi haga li diga fl-*area* hemm il-garaxxijiet allura tista' thalliha. Fil-fatt huma r-rakkomandazzjoni taghhom kienet kontra li jsir il-garaxx in kwistjoni. Id-DCC iddecidiet mod iehor. Kienu irrikomandaw ir-rifjut ghal zewg ragunijiet, wahda li jmur kontra erba' *policies* mid-DC 2000 *guidance*, u intrabtet ma' l-*Istructure Ban Policies* Ben 4 u Ben 8, u t-tieni wahda l-*Istructure Ben Policy* Ben 2 li hija *to maintain the visual integrity* ta' l-*area*. Esebixxa kopja tad-DPA *Report* tal-PA 2061/03 u estratt tad-*Development Control Policy And Design Guidance* 2000.

Gie prezentat l-affidavit ta' <u>Audrey Testaferrata De Noto</u>, perit mal-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta u responsabbli mit-*Traffic Management Unit* fi hdan l-istess Awtorita` li semmiet li kien hemm kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) u kien gie deciz illi gjaladarba ma kienx hemm marki tat-toroq sofor faccata tal-*garage* bin-numru 20 fi Triq l-Ghadam, Zejtun, xejn ma kien jindika li hadd ma seta' jipparkja f'dak il-post indikat. Ghaldaqstant l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta ivverifikat jekk il-garaxx kienx kopert bil-permessi mehtiega tal-MEPA. Irrizulta li l-garaxx kien kopert b'permess tal-MEPA sabiex

izomm go fih ingenji kbar. L-Awtorita` Dwar it-Trasport kienet ghamlet sinjali sofor faccata ta' dan il-garaxx. Dan il-pass l-Awtorita` Dwar it-Trasport haditu wara li ikkonfermat illi l-garaxx kien moghti permess mill-MEPA sabiex jithalla jzomm ingenji kbar kif ukoll *ai termini* tar-Regolament 77 tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur illi jipprovdi:-
"Ebda persuna ma ghandha tipparkja jew thalli bla ghassa xi vettura bil-mutur f'dak il-mod li ma thallix xi vettura ta' persuna ohra milli jkollha dhul jew hrug liberu ghal post uzat u mmarkat b'mod car bhala *garage*."

**E. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

***E1. Fatti fil-qosor:***

Illi din il-kawza hija dwar decizjoni dwar att amministrattiv fejn qieghed jintalab li l-Qorti tannulla l-istess. Qieghed principalment jigi attakkat eghmil amministrattiv tal-Bord tad-*Development Control Commission* (DCC) fi hdan l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar (MEPA) u d-decizjoni u agir ta' l-Awtorita` Maltija dwar it-Trasport fuq il-linji sofor maghmula dwar *parking*. Ir-rikorrenti huma residenti fi Triq l-Ghadam Zejtun li hija triq mhux ta' xi wisgha ta' aktar minn 25 pied, u fl-istess triq kien hemm *garage*, bin-numru 20 li nbena bla permess, izda wara saret applikazzjoni halli jkun hemm *sanctioning* mill-MEPA, u wara li d-Direttorjat tal-MEPA kien kontra, id-DCC laqghet it-talba. Din hi zona urbana izda kawza tad-decizjoni terza persuna giet moghtija permess iddahhal xarabank f'garaxx u li biex dan isir kellhom isiru sinjali sofor iz-zewg nahat tat-triq.

***E2. Sezzjonijiet tal-ligi msemmija mill-partijiet:***

Il-bazi ta' din il-kawza hija l-istharrig gudizzjarju bazat fuq l-artikoli tal-Kap 12 - 469 A (1)(b)(ii),(iii) u (iv). Dawn jghidu hekk :
**"469A.** (1) Hlief hekk kif provdut mod iehor bil-ligi, il-qrati tal-gustizzja ta' kompetenza civili ghandhom gurisdizzjoni biex jistharrgu l-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett fil-kazijiet li gejjin biss:

(b) meta l-eghmil amministrattiv ikun *ultra vires* ghal xi raguni minn dawn li gejjin:

(ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-principji tal-gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta’ l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta’ qabel dwar dak l-eghmil; jew

(iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta’ l-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;

(iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi.”

Inoltre wiehed irid ihares ukoll lejn dawn l-artikoli:

(2) F’dan l-artikolu –
"eghmil amministrattiv" tfisser il-hrug ta’ kull ordni, licenza, permess, *warrant*, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta’ xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, izda ma tinkludix xi haga li ssir bl-ghan ta’ organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:

"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta’ Malta, maghdudin il-Ministeri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghqud kostitwit permezz ta’ ligi.

(3) Kawza biex twaqqa’ eghmil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(b) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta’ jsir, jaf, skond liema jigi l-ewwel, b’dak l-eghmil amministrattiv.

(4) Id-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta’ kontestazzjoni jew ta’ ksib ta’ rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f’xi ligi ohra.”

***<u>E3. L-eccezzjoni preliminari ta’ l-Awtorita` ta’ Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li t-talbiet tar-rikorrenti, in kwantu diretti kontra l-Awtorita' intimata, huma</u>***

***<u>infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, stante li dina l-Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni sabiex tibda tisma' din il-kawza fil-mertu u dan a tenur tas-subartikolu (4) ta' l-artikolu 469A tal-Kap. 12:</u>***

Mhux car l-eccezzjoni tal-MEPA x'qed tghid. Is-sub-artikolu 4 ta' l-art 469 huwa car, izda dan ma jfissirx dak li qieghed (jew inizjalment gie sostnut) mill-MEPA. Infatti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tal-MEPA ma jissemma xejn dwar din l-eccezzjoni. Li hu zgur li wara li saret din l-eccezzjoni ma ngiebu ebda provi dwara. Hawn ma ghandniex ligi ohra fejn il-ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari huwa provdut, u fil-kawza qed tigi attakkata l-forma legali tal-ksib tar-rimedju. Il-Qorti certament mhux sejra tbiddel id-diskrezzjoni taghha fuq l-apprezzament tal-fatti ma' dawk moghtija mil-legislatur lil xi korp iehor, izda dan b'ebda mod ma ghandu jittiehed bhala li l-Qorti ma ghandiex gurisdizzjoni biex tistharreg il-validità ta' xi eghmil amministrattiv jew li tiddikjara dak l-eghmil null, invalidu jew minghajr effett. Aktar 'l isfel il-Qorti sejra tikkwota mis-sentenza fl-ismijiet **Kevin Falzon vs Onor. Prim Ministru** fejn johrog car li l-qrati m'ghandhomx jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom ma' dak ta' xi ufficjal imqabbad jaghmel dan mill-Ezekuttiv, izda ghandhom gurisdizzjoni li jaraw li l-organi kollha ta' l-istat josservaw il-ligi. Il-Qorti mhux sejra tindaga l-mertu bhala tali izda jekk dak li sar hux konformi ma' dak imsemmi fl-artikolu 469A. Ghal dawn il-motivi qed tigi michuda din l-eccezzjoni.

***<u>E4. Is-sottomissjoni ta' l-Awtorita` ta` Malta Dwar L-Ambjent u l-Ippjanar bazata fuq Kap 12 - artikolu 469 (3) :</u>***

Fil-fatt ma hemmx eccezzjoni formali dwar dan is-sub-artikolu, izda fin-nota ta' l-osservazzjonijiet il-MEPA sostniet li:

"Illi l-azzjoni odjerna tittratta dwar eghmil amministrattiv… li tali eghmil amministrattiv sar fis-sena 2004. Illi ghaldaqstant u a bazi tat-tieni eccezzjoni tal-Awtorita' esponenti, **<u>din il-kawza hija preskritta</u>** a bazi tal-Art. 469A (3) tal-Kap 12, tal-Ligijiet ta' Malta…."

Illi l-atturi qalu fir-rikors guramentat taghhom, illi is-'site notice' twahhlet ghal qasir zmien. Illi ghaldaqstant ir-rekwiziti tal-ligi gew sodisfatti u allura huma kellhom kull opportunita' illi setghu ikunu jafu bl-applikazzjoni u kwindi joggezzjonaw. Ghaldaqstant, is-sitt xhur bdew jghoddu minn dik id-data, liema perjodu zgur li skada u ghalhekk din il-kawza giet preskritta. Illi sussegwentement, fil-kors tal-kawza, l-atturi ma gabu l-ebda prova illi s-'site notice' jew qatt ma twahhlet jew xi prova ohra fuq dan ir-rigward. Illi, *in ogni caso,* din l-Onorabbli Qorti, fin-nuqqas ta' dawn il-provi, tista' tevalwa dan il-punt *ex ufficio* ”

Jibda biex jinghad li t-tieni eccezzjoni tal-MEPA tghid mhux dan izda :
“ir-rikorrenti jridu jippruvaw li l-MEPA ma mxietx skond il-*policies* approvati u ghaldaqstant huma illeciti u nulli”

waqt li t-tieni eccezzjoni ta’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport jinghad li
“Illi l-Awtorita' tiehu d-decizjonijiet taghha rigward sinjali tat-traffiku skond il-permessi ta' l-izvilupp mahruga mill-Awtorita' Maltija ta' l-Ambjent u l-Ippjanar”.

Ghalhekk huwa ovvju li ma saret ebda eccezzjoni dwar dan l-aspett.

Pero` l-Qorti thoss li xorta wahda ghandha l-obbligu li tezamina l-fatti taht l-artikolu 469 (3) li jaghmilha tassattiva li kawza biex twaqqa’ eghmil amministrattiv taht is-subartikolu (1)(b) ghandha ssir fi zmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta’ jsir, jaf, skond liema jigi l-ewwel, b’dak l-eghmil amministrattiv. Kuntrarjament ghal dak sostnut mill-MEPA dan hu terminu ta’ dekadenza u mhux ta’ preskrizzjoni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Roberto Zamboni et vs Direttur tal-Kuntratti et** deciza mill-Onor. Qorti ta’ l-Appell fil-31 ta’ Mejju, 2002 kien ribadit li t-terminu ta' sitt xhur biex tkun intentata azzjoni skond dik id-dispozizzjoni huwa wiehed ta' dekadenza u mhux preskrittiv.

Inoltre fis-sentenza fl-ismijiet General **Provisions Company Limited vs Kontrollur tad-Dwana** deciza

minn din il-Qorti diversament presjeduta (Imh. F. G. Camilleri) fil-5 ta' Novembru, 1999 jinghad li azzjoni biex tannulla att amministrattiv trid tigi istitwita fi zmien sitt xhur, izda l-prova li ghaddew is-sitt xhur trid issir mid-Dipartiment li kontra tieghu qed issir din il-kawza. Il-Qorti dejjem tirrikjedi l-ahjar prova - Kap 12 Art 559. Il-piz li tipprova xi haga hija dejjem fuq min jallega - Kap 12 Art 562.

Ir-rikors guramentat gie prezentat fis-7 ta' April, 2006. Mill-affidavit ta' John Bonnici jirrizulta l-Ispettur Joseph Agius taz-Zejtun kien baghat ghalih f'Novembru ta' l-2005 u kien qallu li Abela kien hariglu permess mill-MEPA u li jista' jzomm il-*garage* ghax-xarabanks. Ghalhekk mar jistaqsi ghaliex ma kienx ra l-ebda avviz imwahhal mal-hajt tal-*garage*. Ghall-habta ta' Jannar 2006, imbaghad gew ta' l-ADT u huma stess ghamlu linji sofor tul ta' 34 pied, *single line*. U wara sitt ijiem regghu ziedulu 15-il pied ohra. Dawn ma kienux man-naha ta' fejn ghandu l-*garage*, imma fuq in-naha taghhom tat-triq. Fl-affidavit ta' Monica Bonnici hi ikkonfermat il-kontenut ta' l-affidavit tar-ragel. Mix-xhieda ta' <u>Carmelo Muscat</u>, *Senior Transport Officer* mal-Awtorita` tat-Trasport irrizulta li f'Ottubru ta' l-2005 kellhom *request* ghad-*double yellow lines* u wara ikkonsultaw mal-Kunsill Lokali biex jaraw jekk ghandux oggezzjonijiet jew le, u esebixxa l-ittra tal-Kunsill Lokali taz-Zejtun datata 31 ta' Ottubru, 2005. Ma semmiex meta ezatt saru l-linji sofor. Xehed il-Perit Victor Sladden li esebixxa kopja tad-DPA *Report* tal-PA 2061/03. Mix-xhieda ta' Audrey Testaferrata De Noto, perit mal-Awtorita` Dwar it-Trasport ma jirrizultax meta saru l-linji ghalkemm esibiet korrispondenza ta' Ottubru 2005 mal-Kunsill Lokali taz-Zejtun.

Hemm kontestazzjoni dwar ir-rikorrenti kienux jafu qabel Ottubru, 2005 ghax jinsistu li l-applikazzjoni ghall-permess probabilment damet ftit zmien imwahhla u huma qatt ma rawh. Irrizulta li l-MEPA ma taghmilx verifiki biex tara jekk il-permess jibqghax imwahhal. Kif inghad fis-sentenza **Provisions Company Limited vs Kontrollur tad-Dwana** jinkombi li min jissoleva l-eccezzjoni jipprova li r-rikorrenti [min ikollu interess] kienu jafu u ma agixxewx fi zmien sitt

xhur. Certament li l-intimati setghu ipproducew lill-Ispettur Joseph Agius biex jixhed meta kellem lir-rikorrent; aktar u aktar l-Awtorita` dwar it-Trasport setghet ipproduciet lil min ghamel il-linji sofor [ghax dan hu l-importanti mhux meta ittiehdet id-decizjoni minn xi funzjonarju] biex jixhed meta saru l-linji.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti ma tistax tiddikjara li r-rikors guramentat ma sarx fit-terminu ta' dekadenza ta' sitt xhur stipulat mill-artikolu 469 (3) tal-Kap 12.

***<u>E5. Allegat ksur ta' l-Art 469A (1) (b) (ii):</u>***

Meta xi awtorità pubblika tonqos milli tosserva l-principji tal-
gustizzja naturali jew htigiet procedurali mandatorji fit-twettiq ta' l-eghmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-eghmil, il-qrati ghandhom id-dmir li jistharrgu gudizzjarment dak l-att. Kif jinghad fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Jannar, 2009 fl-ismijiet **Joseph Muscat et vs Chairman Awtorita` tad-Djar**:
"Irid jinghad bi preliminari li gia' qabel il-promungazzjoni legislattiv tal-pre-citaat Artikolu tal-Ligi (469A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), il-Qrati kienu konkordi fil-hsieb, skond id-dotrina prevalenti, li jissindakaw id-diskrezzjoni amministrattiva ghal fini li jiddeterminaw jekk dik id-diskrezzjoni gietx ezercitata *rite et rectem*".

F'dan l-istharrig gudizzjarju ta' azzjoni amministrattiva l-qrati ghandhom id-dritt jiddeciedu jekk att partikolari ikun null u bla effett ghax mhux skond il-ligi, jew ghax jilledi l-principji tal-gustizzja naturali, izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghhom rizervata lill-ezekuttiv b'dik taghhom. Il-Qorti f'dawn il-kazijiet ma tistax tissindika il-mertu tal-kaz (**Mary Grech vs Ministru tax-Xogholijiet** 29/1/1993). Huma ma jistghux jissindikaw "mizuri ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna" izda ghandhom gurisdizzjoni li jaraw li l-organi kollha ta' l-istat josservaw il-ligi. Ma jistghux jaghmlu stharrig fil-mertu tad-decizzjoni izda fil-mod kif tittiehed id-decizjoni. Iridu jaraw li l-ghemil amministrattiv ma jkunx jista' jitqies irragjonevoli jew

sproporzjonata. Il-qrati jridu jaraw li dak l-ghemil amministrattiv mhuwiex *contra ius* jew *'ultra vires'* jew b'abbuz tal-poter.

Huwa veru li l-MEPA ma toqghodx tisma' x'ghandu x'jghid kulhadd izda tinsisti li jitwahhal l-Avviz u thalli f'idejn kull min ikollu interess jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub tieghu. Izda b'daqshekk ma jistax jonghad li l-principju tal-*audi alteram partem* ma giex applikat ghax ir-rikorrent ma instemghax quddiem il-MEPA ghax altrimemnti naslu ghall-assurd li anke f'kawzi normali jista' jitkellem kull min ghandu interess (a distinzjoni mill-interess gudizzjarju). Ghalhekk taht dan l-aspett ir-rikorrent ma jistax jilmenta.

***<u>E6. Allegat ksur ta' l-Art 469A (1) (b) (iv) meta l-eghmil amministrattiv ikun imur mod iehor kontra l-ligi:</u>***

Ghalkemm ir-rikorrent ibbaza r-rikors guramentat tieghu ukoll fuq dan l-aspett ftit li xejn dahal fil-mertu tieghu. Infatti ma gie indikat ebda artikolu tal-ligi li qed jinghad fuqu li l-eghmil amministrattiv imur kontra dan l-artikolu. Certament kien jinkombi fuq ir-rikorrent li la qed jaghmel it-talbiet tieghu ibbazati fuq dan l-artikolu kien ikun opportun li jindika fejn l-eghmil amministrattiv imur kontra l-ligi. Ghalhekk fuq din il-bazi t-talbiet huma michuda.

***<u>E7. Allegat ksur ta' l-Art 469A (1) (b) (iii) meta l-eghmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ta' l-awtorità pubblika billi dan isir ghal ghanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti:</u>***

Il-Qorti qed tirriproduci wkoll it-test bl-Ingliz ta' dan is-subartikolu:

*"(iii) when the administrative act constitutes an abuse of the public authority's power in that it is done for improper purposes or on the basis of irrelevant considerations;"*

Din il-Qorti irriflettiet hafna u fit-tul fuq il-fatti tal-kaz, u hawnhekk huwa forsi difficli ghal min mhux familjari mal-ligijiet u l-interpretazzjoni taghhom biex jasal ghal konluzjonijiet prattici izda mhux legali.

Infatti fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tar-rikorrenti jinghad :

"F'dan il-kaz l-atturi kellhom jersqu bit-talbiet taghhom quddiem din il-Qorti proprju biex jigi ezaminat l-att amministrattiv kemm tal-MEPA u kemm tal-ADT li fuq *garage* faccata tad-dar taghhom taw permess biex jigi uzat ghall-iggaraxxjar ta' *coaches* tat-turisti u dan fi triq dejqa li ma fihiex iktar minn hamsa u ghoxrin pied minn taht bankina sa taht il-bankina l-ohra.

Biex seta' jigi akkomodat il-proprjetarju tal-garage minkejja li kellu hafna refusals qabel, l-ADT anke wara kawza li kienet saret fil-Qorti tal-Magistrati, (Malta), Seduta taz-Zejtun, ghamlet il-linji sofor fuq in-naha tar-residenti halli l-proprjetarju tal-*garage* jkun jista' f'dak id-djuq ma jsibx inkonvenjent biex johrog mill-*garage* tieghu. Il-MEPA tat il-permess u l-ADT qdewh mill-kumplament mill-koxxa, u wiehed iwahhal fl-iehor…

…meta dawn il-*coaches* u xarabanks jidhlu u johorgu, ikollhom sahansitra jispiccaw f'parti fuq il-bankina biex ikunu jistghu jdawru, ghaliex huwa fatt risaput illi xarabank fiha certu tul. Jekk karozza zghira fiha mill-inqas tliet metri, xarabank fiha bil-wisq izjed… Dawn ic-cittadini kellhom kwalunkwe dritt li johorgu mid-dar u jinzlu fuq il-bankina, u mhux darba jew tnejn jinzertaw li jridu joqoghdu attenti ghaliex jekk jinzlu fuq il-bankina hemm *coach* li qieghed jingombra l-istess. Dan apparti li d-dhahen li jkun hemm meta l-vetturi jkunu qeghdin jimmanuvraw biex jidhlu gol-istess *garage*.

Barra minn hekk huwa fatt risaput li x-xarabanks iridu jkunu fuq il-venda kmieni fil-ghodu, u meta tohrog vettura ta' dan il-kobor naturalment min fetah il-*garage* ikun qabbadha, harigha fit-triq, jaghlaq il-*garage*, u bl-istorbju kollu li vettura bhal dik taghmel fi triq dejqa fis-sieghat bikrin ta' fil-ghodu…"

Jibda biex jinghad li l-Qorti mhux ser tidhol u tissostitwixxi d-diskrezzjoni tad-decizjonijiet izda ghandha l-obbligu li tara jekk fil-forma li ttiehdu d-decizjonijiet kienux b'mod legali. Il-Qorti sejra l-ewwel tezamina l-agir ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta, u jidher li d-decizjoni ma ttehditx b'xi kunsiderazzjonijiet li suppost li jsiru izda

sempliciment bazat fuq il-fatt li jekk il-MEPA tat permess ghall-garaxx u jekk m'hemmx oggezzjoni tal-Kunsill, hi tiehu hsieb taghmel il-linji u dawn il-linji taghmilhom anke quddiem id-dar ta' haddiehor halli jinqeda terza persuna. Hawnhekk certament li l-eghmil amministrattiv huwa wiehed fundamentalment zbaljat u ttiehed b'mod u forma totalment leggera. La gew kunsidrati l-problemi ta' terzi persuni u certament li biex tasal li quddiem id-dar ta' haddiehor taghmel il-linji s-sofor b'mod li dan ma jistax jipparkja vetturi tieghu u dan bl-iskop uniku li tinqeda terza persuna li ghandha garaxx li jdahhal il-*coaches* fih allavolja din hija zona urbana u trid mhux wiesgha. Kif ittiehdet id-decizjoni? Sempliciment b'ittra tal-Kunsill u l-fatt li l-MEPA tat permess ghall-garaxx u minghajr ebda studju iehor. Tant ma sarx studju fiz-zmien li ttiehdet id-decizjoni li ghall-ewwel saru xi linji sofor u in segwitu dawn gew estizi. Dan certament jikkostitwixxi abbuz tas-setgha ghax l-ghanijiet certament mhumiex xierqa u ibbzat fuq kusiderazzjonijiet zbaljati, u l-Qorti ghandha l-obbligu tiddikjara li dan l-eghmil amministrattiv *ultra vires* sindakabbli mill-artikolu 469A.

Meta l-Qorti tigi biex tezamina l-ilment tar-rikorrenti fil-konfront tal-MEPA l-pozizzjoni hija aktar difficli. Hawnhekk il-Qorti trid tara jekk hux *ultra vires* bil-konsegwenti dikjarazzjoni ta' abbuz ta' setgha billi dak li sar, sar mhux ghal skop xieraq jew ghal kunsiderazzjonijiet mhux rilevanti. Mod huwa dak li jahseb il-bniedem tat-triq, mod iehor huwa dak li jinkombi fuq gudikant wara li jevalwa l-ligi u l-gurisprudenza. Certament li dak li sar mhux sabih u infatti l-istess Direttorjat tal-MEPA kien kontra tieghu. Ghal xi raguni d-DCC ma qaghditx fuq il-pariri tad-Direttorjat. Izda dan fil-fehma tal-Qorti mhux sufficjenti biex fil-konfront tal-MEPA jigi sindikat l-eghmil amministrattiv.

***<u>E8. Kap 12 artikolu 469A (4):</u>***

Hawnhekk il-Qorti sejra tikkwota parti minn sentenza ohra taghha kif presjeduta moghtija fid-9 ta' Frar 2009 fil-kawza fl-ismijiet **Korporazzjoni Enemalta vs Awtorita` ta' Malta Dwar ir-Rizorsi**.

"L-artikolu 469A(4) tal-Kap 12 jghid hekk:

"Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma ghandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jigi provdut dwaru f'xi ligi ohra."

Illi l-eccezzjoni mressqa mis-socjeta` intimata hija msejsa fuq ic-cahda tal-gurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati fejn il-mod tal-kontestazzjoni jew fejn il-ksib tar-rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem Qorti jew Tribunal jigi provvdut dwaru f'xi ligi ohra.  Din il-limitazzjoni tikkostitwixxi eccezzjoni ghar-regola generali ta' l-artikolu 469A li biha l-Qrati ghandhom is-setgha li jistharrgu ghemil amministrattiv.

F'dan il-kuntest ta' min isemmi li ladarba l-artikolu 469A(4) huwa eccezzjoni ghar-regola li l-Qrati ghandhom gurisdizzjoni.  Kif inghad fil-gurisprudenza nostrana, l-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qrati li jistharrgu ghemil amministrattiv ghandha tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaci u xieraq  disponibbli ghaliha u hija naqset  li tirrikorri ghalih bla raguni tajba.

Dan il-principju gie ribadit fil-kawza fl-ismijiet **Bunker Fuel Oil Company  Limited vs Paul Gauci u Planning Authority** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Mejju 1998. Illi fil-fatt l-aspetti li jemanu minn din id-decizjoni u li tajjeb li jigu sottolineati huma:
"(1)Fil-fehma tal-Qorti, dan is-sub-artikolu (4) ta' l-Artikolu 469A, biex jigi interpretat gustament, m'ghandux jinghata interpretazzjoni restrittiva.  L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti, biex tistharreg l-ghemil amministrattiv, tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju  effikacu u adegwat  verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma utilizzatx tali proceduri disponibbli."
(2)Fil-fehma tal-Qorti, ladarba l-gurisprudenza kostanti tal-Bord kienet teskludi persuni mid-dritt ta' appell quddiemu, jekk dawn ma keinux applikanti, allura jsegwi li l-appellanti ma ghamlu xejn hazin li segwew din il-gurisprudenza."
(3)Mill-perspettiva mbaghad li huma ma kienux jafu bid-decizjoni ta' l-Awtorita` u ghalhekk, ma kienux in grad li

jressqu l-oggezzjoni taghhom fiz-zmien statutorju utili, argument dan ukoll sollevat mill-atturi odjerni, dik il-Qorti fis-sentenza citata rrimarkat li r-rimedju prospettat kien fid-dati cirkostanzi wiehed li teoretikament u potenzjalment biss kien disponibbli u fil-prattika ta' kif sehhew il-fatti rilevanti l-appellanti ma kellhom l-ebda rimedju effikaci."

(Ara wkoll sentenza fl-ismijiet **Joseph Muscat et vs Chairman ta' l-Awtorita` tad-Djar et** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta' Jannar 2004).

Fil-kawza **Tat-Taljan Co. Ltd. vs Awtorita` ta' l-Ippjanar et** deciza mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fit-2 ta' Novembru, 2001 [LXXXV-I-II-388] il-Qorti kienet qalet li:
"Minn dawn il-posizzjonijiet manifestament kontrastanti dwar l-interpretazzjoni tal-ligi specjali li tirregola l-ippjanar, kellu jkun aktar minn ovvju illi l-kontestazzjoni bejn il-kontendenti kien proprju dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' din il-ligi. Materji dawn li indubbjament jaqghu fil-kompetenza esklussiva fl-ewwel lok tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar imwaqqaf b'dik il-ligi specjali u ultimament tal-Qorti ta' l-Appell li ghandha gurisdizzjoni esklussiva illi tiddetermina l-appelli mill-punti ta' dritt decizi mill-istess Bord li jigu lilha riferta. Certament l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-ligi f'dan il-kaz, ma kenitx materja illi kellha fl-ewwel lok tigi sottomessa a gudizzju tal-Qorti Kostituzzjonali sakemm ma jigux minn xi parti attakkati, bhala mhux skond il-Kostituzzjoni, l-ligi u regolarment li in forza taghha tkun agixxiet l-Awtorita'. L-applikazzjoni korretta tal-ligi prezunta bhala kostituzzjonalment korretta u maghha konformi kienet materja li taqa' qabel xejn fil-kompetenza tal-Qrati Ordinarji."

Il-Qorti ikkonfermat id-decizjoni tal-Prim'Istanza biex tiddeklina milli tkompli tisma' l-kawza stante li kien ghad hemm rimedji ordinarji quddiem il-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar jew Qrati Ordinarji skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12.

F'dan l-aspett hu importanti li wiehed isemmi dak li gie deciz fil-kawza deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-28

ta' Jannar 2004, fl-ismijiet **Joseph Muscat et vs Chairman ta' l-Awtorita` tad-Djar et** (Cit. 1447/96PS):
"(1) "Fil-fehma tal-Qorti, dan is-subartikolu (4) ta' l-Artikolu 469A, biex jigi interpretat gustament, m'ghandux jinghata interpretazzjoni restrittiva. L-eskluzjoni tal-gurisdizzjoni tal-Qorti, biex tistharreg l-ghemil amministrattiv, tkun gustifikata biss jekk il-Qorti tkun sodisfatta li, fil-prattika, persuna kellha rimedju effikaci u adegwat verament disponibbli ghaliha u hija irragonevolment ma utilizzatx tali proceduri disponibbli."
(Ara wkoll **Fish & Fish Ltd. u Malta Fishfarming Ltd. vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjet u l-Ippjanar et** deciza minn din l-istess Qorti fit-30 ta' April 2007)."

**F. KONKLUZJONIJIET:**

L-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta hija li din l-Awtorita` m'ghandhiex is-setgha tiddeciedi dwar permessi ta' zvilupp. Certament li r-rikorrenti ma riedux jattakkaw lil din l-Awtorita` dwar xi permessi ta' zvilupp u ghalhekk tiddikjara din l-eccezzjoni mhux applikabli.

Sekondarjament l-istess Awtorita` iddikjarat li rigward sinjali tat-traffiku din l-Awtorita` tiehu d-decizjonijiet taghha skond il-permessi ta' l-izvilupp mill-MEPA. Hawnhekk il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad f''E7' u tichad din l-eccezzjoni ghall-motivi msemmija f'dik il-parti.

It-tielet eccezzjoni ta' l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta hi ibbazata fuq id-dritt ta' access u li din ghandha taghti *yellow line* sabiex ikun hemm access liberu ghal gewwa l-garaxx. Hawnhekk ukoll il-Qorti tirreferixxi ghal dak li ntal f''E7', u jaghmel sens li bniedem li jkollu garaxx irid l-access ghalih, izda dan sakemm ma jsirx a skapitu ta' drittijiet ta' persuni ohra. L-eghmil amministrattiv ta' din id-decizjoni, specjalment il-forma ta' kif ittiehdet din id-decizjoni fil-fehma ta' din il-Qorti jikser id-drittijiet tar-rikorrenti. Huwa veru li hadd m'ghandu xi dritt li jipparkja quddiem id-dar, izda min-naha l-ohra r-raguni ta' din m'ghandhiex tkun li biex jineda terz cittadin iehor li jaghzel li jaghmel garaxx ghall-*coaches* fi triq wiesgha 25 pied. Ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Ir-raba' eccezzjoni ibbazata fuq ir-Regolament 77 tar-Regolamenti Dwar il-Vetturi bil-Mutur hija sempliciment korollarja ta' dak li ghadu kif intqal dwar it-tielet eccezzjoni, u ghall-istess motivi hija michuda.

Fil-hames eccezzjoni taghha l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta' Malta li din "tichad bil-qawwa kollha l-allegazzjoni li l-awtorizzazzjoni sabiex isir '*single yellow line*' ittiehdet "manifestament biex jigi akkomodat wiehed bi skapitu ta' hafna", u tali asserzjoni hija inveritjiera, infondata u bla ebda bazi fattwali", ma tistax tigi milqugha. Infatti l-Awtorita` ma gabet ebda prova li tali decizjoni ma ttiehditx biex jigi akkomodat il-persuna li ddahhal il-*coach* fil-garaxx taghha. Certament il-linji s-sofor huma a skapitu tal-hafna. Din l-eccezzjoni hija wkoll michuda.

Is-sitt eccezzjoni hija sempliciment rikapitolazzjoni ta' dak li ntqal fuq u l-Qorti taghmel referenza ghall-paragrafi precedenti.

L-ewwel eccezzjoni ta' l-Awtorita` ta' Malta Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar attakkat il-gurisdizzjoni ta' din il-Qorti biex tisma' l-kaz fil-mertu u dan a tenur tas-subartikolu 4 ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12. Hawnhekk il-Qorti tirreferi ghal dak li nghad f''E3' u 'E8' u tichad l-istess eccezzjoni.

Dwar it-tieni eccezzjoni tal-MEPA li r-rikorrenti jridu jippruvaw li l-MEPA ma mxietx skond il-policies approvati, fil-fehma tal-Qorti ghandha tigi milqugha.

Dwar it-talbiet rikorrenti l-Qorti ma tistax tiddikjara li s-*sanctioning* li sar mill-Awtorita` Maltija Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar imur kontra l-provvedimenti ta' l-artikolu 469A tal-Kap 12.

Izda tiddikjara li d-decizjonijiet ta' l-Awtorita` Maltija Dwar it-Trasport tiddikjara d-decizjoni li jinzebghu l-linji sofor mal-faccata tal-garaxx tat-terzi u cioe` quddiem id-dar tar-rikorrenti bhala invalida u ghandha tkun minghajr effett minhabba li tikser l-artikolu 469A (1) (b) (ii).

Spejjez tar-rikorrenti u ta’ l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta kontra l-Awtorita` Dwar it-Trasport ta’ Malta, waqt li dawk ta’ l-Awtorita` Maltija Dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kontra l-istess MEPA.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------